*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 9*

***6.00p.m 13 ta' Frar 2020***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *9.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

9.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

9.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 8 kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

9.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsill li d-dokument finali tat-tender tal-knis nġie ffinalizzat u minflok l-ammont ta' ħames kenniesa ġie mniżżel erbgħa wara li l-ispejjeż totali tal-kenniesa ġie kkalkulat fuq l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku spjega ukoll li bħalissa għaddej xogħol ta' resurfacing bit-tarmak min Infrastructure Malta fi Triq il-Ħaddiem.

9.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar il-proġett tas-seabins, dan kollox ġie ffinalizzat min naħa tal-Kunsill u jonqos biss li dawn jitwaħħlu mill-NGO Żibel. Huwa spjega ukoll li fil-laqgħa li jmiss ser ikun qed jistieden il-Perit għall-laqgħa tal-Kunsill sabiex jagħti dettalji dwar il-proġett tal-Belvedere. Finalment is-Sindku xtaq ifakkar il-Membri tal-Kunsill dwar il-Quddiesa li ser issir b'ġieħ il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-kor u l-Pageant Group Marija Regina. Is-Sindku fakkar dwar l-attivita' tal-Karnival u semma wkoll li bejn id-19 u 22 ta' Marzu s-Sindki li qed jieħdu sehem fil-proġett '*Snapshot on the Borders'* ser ikollhom laqgħa personali mall-Papa Franġisku.

9.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qara Artiklu 17 tal-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali u dak kollu li huwa mistenni mill-kunsilliera u qal kemm huwa ddispjaċut bl-imġieba tal-Kunsillier is-Sur Colin Pace li għal diversi drabi qed jaqbeż il-Kunsill bħal per ezempju fuq il-kwistjoni tad-doggy bins fejn min jheddu beda skema biex kumpaniji jixtru d-doggy bins. Is-Sindku rrimarka li minkejja li jaqbel mad-doggy bins proposta bħal din trid tgħaddi mill-Kunsill qabel tibda' titwettaq. Is-Sindku spjega ukoll li l-Kunsillier bgħat korrispondenza lill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill u dan ħoloq konflit mas-Supratendent. Kaz ieħor kien meta ngħata xi tarmak meta l-Kunsill ma kien jaf b'xejn. Is-Sindku hawn irrimarka li l-problema mhux għax jingħata t-tarmak imma l-mod ta' kif il-Kunsill qiegħed jinqabeż repetutament u jiġi njorat. Madanakollu l-iktar ħaġa li s-Sindku ddispjaċiħ huwa l-fatt li l-Kunsillier Pace ssieħeb ma Sindku ta' Kunsill ieħor, f'dan il-kaz mas-Sindku Keith Tanti tal-Pieta' sabiex imexxu petizzjoni fost ir-

residenti Marsin. Kien hawn li s-Sindku ressaq kopja tal-petizzjoni li ġiet iċċirkolata fost ir-residenti. Fid-dawl ta' dan huwa lest li joħroġ stqarrija fejn tikkundanna dan.

Dan huwa l-kontenut tal-istqarrija;

'**Stqarrija mill-Kunsill Lokali tal-Marsa**

Il-Kunsill Lokali tal-Marsa jirreferi għall-petizzjoni li qed titqassam mid-djar tar-residenti Marsin mis-Sur Keith Tanti Sindku tal-Pietà u s-Sur Colin Pace, kunsillier l-Marsa. Filwaqt li l-Kunsill jikkundanna l-aġir mis-Sindku tal-Pietà li mingħajr ma talab permess, u mingħajr ma avviċina l-Kunsill tal-Marsa, huwa beda jiġbor l-imsemmija petizzjoni f'lokal li huwa m'għandux ġurisdizzjoni fih u fid-dawl li huwa mhuwiex kandidat uffiċjali għall-elezzjoni ġenerali, il-Kunsill ifakkar ukoll lill-Kunsillier is-Sur Colin Pace biex affarijiet bħal dawn għandhom jitilgħu u jiġu diskussi fuq il-mejda fis-seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali tal-Marsa ma jarax il-bżonn li ssir tali petizzjoni għaliex f'Mejju 2019, il-poplu Marsi bi ħġaru vvotta biex il-Kunsill jaħdem fuq il-proposti li jinsabu fuq l-istess petizzjoni, liema proposti jinsabu fil-manifest tal-istess kunsill. Il-Kunsill qed jaħdem bla heda u jibqa' jaħdem biex il-wegħdi fil-manifest jitwettqu flimkien mal-Gvern Ċentrali u l-Awtoritajiet ikkonċernati.

Il-Kunsill Lokali tal-Marsa jilqa' b'idejh miftuħa kull għajnuna kemm-il darba tiġi diskussa u mressqa madwar il-mejda tal-Kunsill u dan kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali.'

9.3.4 Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma ried jissekonda din l-istqarrija, awtomatikament din l-istqarrija waqgħet. Madankollu, kien hawn li diversi kunsilliera bdew juru d-dissappunt tagħhom dwar il-kontenut tal-petizzjoni u l-aġir tal-Kunsillier Pace.

9.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwiex aċċettabli li jsiru affarijiet bħal dawn min Membri tal-Kunsill u jħoss li ntefa' dell ikraħ fuq il-Kunsill għax qisu l-Kunsill ma jridx jagħmel dak li wiegħed fil-Kunsill u li huwa personalment iħossu mweġġa. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li idejalment jintbgħat avviż lill-Kunsillier Pace u lis-Sindku Keith Tanti fejn huma jiġu' mitluba jirtiraw din il-petizzjoni u wara tkun tista' tinħareġ din l-istqarrija u jibdew proċeduri dwar dak li titlob il-liġi f'każijiet bħal dawn.

9.3.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li jsir hekk u fl-istess ħin jitlob il-Bord tal-Governanza sabiex jevalwaw dan il-każ.

9.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer għamel mozzjoni, fejn il-Kunsillier is-Sur Colin Pace u s-Sindku tal-Pieta' s-Sur Keith Tanti jintalbu b'mod uffiċjali jirtiraw l-azzjonijiet tagħhom bil-mezzi kollha ta' kommunikazzjoni li huwa użaw sabiex iwasslu din il-petizzjoni u bl-istess promozzjoni li saret. Huwa qal wkoll li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ilu jaħdem fuq il-proposti li

hemm fil-petizzjoni għal diversi snin. Jekk fl-eventawalita' li sa gimgħa mid-data li jkunu irċevew l-ittra l-azzjonijiet tagħhom ma jiġux miċħuda l-Kunsill jieħu l-azzjonijiet kollha li ttiħ il-liġi. Il-Kusnillier is-Sur Francis Debono ssekonda l-mozzjoni. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri, il-Kunsillier is-Sur Francis Debono, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia vvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina astjeniet u l-Kunsillier is-Sur Colin Pace vvota kontra.

## *9.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

9.4.1 Il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri qal li n-niċċa tal-Madonna li hemm fi Triq Diċembru Tlettax tinsab mitfija, u xtaq isaqsi dwar jekk qatt ġietx diskussa jekk il-Kunsill huwiex lest jagħti t-tined tal-patata lill-klub tar-regatta. Finalment il-Viċi Sindku qal li fil-korsa taż-żwiemel il-kuntrattur qed jgħaddi kmieni ħafna fis-6.30a.m u għaldaqstant ma tkunx qed tinġabar il-borża s-sewda. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopard qal li dwar in-niċċa l-Kunsill ser ikellem lill-Transport Malta, dwar xi ftehim mall-klub tar-regatta qatt ma kien hemm xejn u qatt ma jistgħa jkun hemm hekk kif it-tined tal-patata mhumiex tal-Kunsill. Dwar il-ġbir tal-iskart il-Kunsill ser jiġbed għall-attenzjoni tal-kuntrattur bil-miktub.

9.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab sabiex jerġa jsir l-isleeping police fejn il-kavallerrija wara li kellu diversi ilmenti min diversi sidien sabiex din terġa titwaħħal. Huwa wera' stampi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jekk kemm il-darba hemm diġa' l-permess il-Kunsill jista' jerġa jixtri road humps għall-post.

9.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li jekk mhux ser isir knis regolari tad-demel fiż-żona tal-korsa l-kulverts ser jerġaw jitħamġu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ninfurmaw lill-kuntrattur dwar il-knis. Madanakollu, s-Sindku kkonferma li l-knis fl-akwata qed isir tlett darbiet fil-gimgħa kif stipulat bit-tender.

9.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace rrimarka li tkellem mall-furnar li hemm fi Triq Isouard u qal li maġenbu hemm persuna li għandhu garaxx u li hemm il-possibilita' li n-no parking tiġi estiża it-tul kollhu biex b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent. Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka li filwaqt li huwa importanti li t-tankijiet jitneħħew huwa importanti wkoll li jneħħi t-trukk biex ma jostakolax l-unloading bay. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li hemm bżonn li jintbgħatu ittri lill-ħwienet kollha sabiex ma jipparkajawx fuq il-bankini.

9.4.5. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace wera' ritratt ta' Sqaq numru 1 li hemm Marsa Rd u dwar kif trukk qed jostakola l-passaġġ tal-isqaq. Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser jinforma l-Perit biex jara jekk tkunx idejali li jitwħħlu żewġ bollards min naħa għall-oħra kif issuġġerixxa l-Kunsillier Pace jew jekk tistgħax issir parking bay kif issuġerixxa l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer.

9.4.6. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li hemm bżonn li l-Kunsill jagħmel follow-up mall-awtroitajiet sabiex it-Tram Station li hemm fejn lopen centre jingħata l-importanza li jixraqlu u jisġumbrawħ mill-affarijiet li hemm fih. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jara x'jistgħa jsir min naħa tal-Kunsill.

9.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li hemm bżonn isiru d-direzzjoni tal-one way fi Triq Saura, Triq il-Kunċizzjoni u triq tal-Karmnu. Is-Sindku qabel li dawn għandhom isiru kif diġa' ġie miftiehem fl-laqgħat imgħoddija tal-Kunsill.

9.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li ser isir dawl temporanju mill-EneMalta fejn is-Salib tal-Marsa. Huwa qal ukoll li dwar id-doggy bins sab bins li jiswew €112 u jixtieq jara liema huma in-negozji li huma lesti jixtruhom. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa importanti li jiġu mressqa quddiem il-Kunsill it-tipi differenti ta' doggy bins u l-Kunsill ikollu ideja ta' kemm hawn negozji li huma lesti jiffinanzjaw l-bin u t-twaħħil tiegħu sabiex il-Kunsill ikolu ideja tajba ta' kemm ser jiżdidulu l-ispejjez relatati mat-tindif ta' dawn il-bins.

9.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dwar loading/unloading bay li hemm Simpson Street huwa m'għandhux oġġezzjoni, pero' ma jaqbilx li l-unloading bay inkun għall-ħin kollhu imma ħinijiet speċifiċi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta.

9.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab lis-Sindku jekk huwiex possibli li l-Membri eletti tal-Kunsill jistgħux jingħataw ċwievet tal-Kunsill, li ma jinkludix ċwievet tal-bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ma jsib l-ebda problema li Membru elett jingħata ċwievet hekk kemm il-darba jkollu bżonnhom fuq attivita' tal-Kunsill.

9.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li huwa importanti li l-Kunsill Lokali jinforma lill-Perit dwar il-proġett tal-korsa biex nifmhu aħjar dak li ser isir fl-akwata. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ukoll qabel ma din il-proposta sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni nfurmata tajjeb. Is-Sindku s-Sur Josef Azzoaprdi qal li huwa wkoll jaqbel ma din il-proposta.

## *9.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

9.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 02/2020 annessa. Wara li ħadd mill-membri l-oħra preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti..

## *9.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

9.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li residenta fi Triq Qormi qed jkolla problema minħabba li quddiem il-bieb tagħha għandha bus stop bil-konsegwenza li qed ikollhom ħafna inkonvenjent, bħal storbju, ħmieġ li jitħalla wara l-bieb u ħsara fil-propjeta'. Għaldaqstant qed jitlob sabiex il-bus stop tiġi mressqa minħabba li qed ikun ta' inkonvenjent kbir. Is-Sindku rrimarka li m'għandhux ikun il-Kunsill li jneħħi bus stop, u mhuwiex possibli li bus stop li ila hemm għexieren ta' snin tersaq iktar l-isfel minħabba li m'hemmx wisa' fit-triq. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li lvot favur kien unanimu.

9.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat Festi Esterni Marija regina din is-sena ser jingħaqdu flimkien ma kumpanija teatrali sabiex jagħmlu rapprezzentazzjoniet tal-Aħħar

Ċena. Dawn ser isiru quddiem il-Knisja. Għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill jixtieqx jagħmel reklamar fuq il-poster u l-fuljett li jitqassam għall-prezz ta' €250. Wara li ħadd mill-Membri preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

9.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Calypso Radio ser itella' programm fejn ser jinvolvi l-Kunsilli Lokali sabiex jippromwovu l-volontarjat kif ukoll jagħtu informazzjoni dwar il-Kunsill xi jkun qed joffri. Il-prezz sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'dan il-programm huwa ta' €500 eskluż il-VAT. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li ma jaqbilx li jingħataw dawn il-flus lill-stazzjon meta l-lokalita' kellu stazzjon tar-radju li waqaf għal kollox. Tkun ħaġa pożittiva jekk il-Kunsill jidħol f'diskussjonijiet mall-istazzjon tar-radju lokali biex jerġaw itellu l-programmi li kienu jagħmlu. Wara li ħadd ma kellu mistoqsijiet aktar, il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur kien unanimu.

9.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li t-tema tal-bins ser tkun qed titla' f'seduta oħra.

## *9.7 Approvazzjoni tar-Riżultati Finanzjarji 2019*

9.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lir-rappreżentata tal-kumpanija Reanda Malta Limited sabiex tagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għall-matul is-sena 2019. Hija qalet li matul dan il-perjodu il-Kunsill tejjeb l-finanzi tiegħu hekk kif ġie rreġistrat tnaqqis sostanzjali fid-defiċit, fejn dan naqas għall-madwar €100,000 mit-€338,000 li ġew irreġistrati matul is-sena 2018. Fis-sena 2018 il-Kunsill kellu bilfors jimxi mad-diretti l-ġodda tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn id-*depreciation* kellu isir bir-*reducing method* kontra għas-sistema preċedenti tal-i*straight line method*. Jekk jitneħħa d-deċit mid-depreciation, il-Kunsill irreġistra telf minimu ta' €20,000 li faċilment jistgħu jerġaw jiġu rkuprati jekk kemm il-darba il-Kunsill jibqa jimxi bil-għaqal. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet, il-Viċi Sindku is-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *9.8 Quarterly Financial Report Q4*

9.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex ir-rappreżentanta tal-kumpanija Reanda Malta Limited tagħti rendikont tal-andament finanzjarju għall-aħħr tlett xhur tas-sena 2019. Hija qalet li l-andament matul dan il-perjodu huwa replica tal-figuri li diġa' ġew imsemmija fir-rapport finanzjarju annwali. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *9.9 Budget Annwali 2020*

9.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex ir-rappreżentanta tal-kumpanija Reanda Malta Limited tagħti rendikont tal-Budget Annwali għal din is-sena. Hija qalet li matul dan il-perjodu l-Kunsill mhuwiex qiegħed jipprevedi xi sorpriżi, madankollu, huwa fatt li ser ikomplu jiżdiedu l-ispejjeż, iżda fl-istess ħin ser jiżdid id-dħul dovuta primarjament min żieda fl-allokazjoni

finanzjarja tal-Kunsill mill-fondi tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *9.10 Business Plan 2020-2023*

9.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex ir-rappreżentanta tal-kumpanija Reanda Malta Limited tagħti rendikont tal-Business Plan għall-perjodu ta' tlett snin mis-sena 2020 sas-sena 2023. Hija qalet li filwaqt li huwa diffiċli tara daqshekk fil-bogħod jekk kemm il-darba l-Kunsill ikompli jżomm finanzi pożittivi, l-Kunsill ikun jista' jkompli għaddej bil-proġetti kif mistenni. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsjiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda

Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ħareġ mis-seduta fis-7.30p.m

## *9.11 Approvazzjoni ta' Kuntratt għas-Servizz t'Accountant*

9.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet għas-servizz t'Accountant. Dawn huma tar-Reanda Malta Limited għall-prezz ta' €4,950 (VAT incl.), Dion Borg għall-prezz ta' €5,450 (VAT incl.) u Pauliana Said għall-prezz ta' €5,000 (VAT incl.) Peress li l-offerta tar-Reanda hija effettivament l-orħos waħda l-Kunsill huwa obbligat jagħżel din l-offerta. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ħareġ mis-seduta fis-7.45p.m

## *9.12 Kont tad-Dawl tal-Kmamar ta' Ġnien Belvedere*

9.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill qed jirċievi l-kontijiet tad-dawl tal-meter li hemm fil-kmamar ta' Ġnien Belvedere. Huwa spjega li minkejja li l-Kunsill għandhu meter ta' dawl ma jfissirx li l-kmamar huma effettivament tal-Kunsill. Matul id-diskussjoni ġie miftiehm li għalissa dawn il-kontijiet ma jitħallus sakemm il-Kunsill ikun jaf x'kien isir mall-ELC u min meta l-meter tad-dawl beda' jgħajjat lill-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sinjuura Charmaine Aquilina ħarġet mis-seduta fis-7.55p.m

## *9.13 Dehra tal-Proġett tal-Parkeġġ fi Ġnien 6 t'Awissu*

9.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq muq il-mejda tal-kamra d-disinn tal-proġett tal-parkeġġ fi Ġnien 6 t'Awissu. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-proġett jista jsir bil-kundizzjoni li jsir dawl adegwat għall-post kif ukoll jitħawlu sġar ġodda biex jagħmlu tajjeb għall-dawk li ser jinqalaw. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *9.14 Update tal-Attivitajiet*

9.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab sabiex ikun hemm update dwar l-attivitajiet. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal lid war l-attivita' għall-Jum l-Omm l-esperjenza fic-Chocolate Facftory ser tkun għlja wisq u għaldaqstant instab post alternattiv fis-Sorreda Hotel f'Buġibba għall-prezz ta' €8.25 kull persuna bil-buffet breakfast. Ġie miftiehem li l-Kunsill ikun jista' jħallas dan il-prezz u t-transpoert jitħallas min dawk li jkunu ser jattendu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *9.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

9.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-8.45pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Marzu fis-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv